C/2025/2809

19.5.2025

Avviż għall-attenzjoni ta' persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lill-gruppi armati u l-entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar

(C/2025/2809)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Mohammad-Reza Gharaei ASHTIANI (Nru 7), persuna li tidher fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 ([1]) u fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lill-gruppi armati u l-entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuna msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati.

Il-persuna kkonċernata hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb id-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet previsti, **qabel is-26 ta' Mejju 2025**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1 Global and Horizontal Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni li tasal qabel id-9 ta' Ġunju 2025 għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2023/1532/PESK u l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2023/1529.

([1]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20.
([2]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1.